MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-8 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 472/2008

**Mary Callus**

**Vs**

**Lawrence Muscat, Joseph Muscat u Giorgina Muscat ghal kull interess li jista' jkollha bhala kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti ma' zewgha Joseph, Marco Parascandolo, Lino Parascandolo, Antonia Parascandalo u Raymond Parascandolo bhala kuraturi *ad litem* ta' uliedhom minuri Jean Paul Parascandolo u Tiziana Parascandalo u b'digriet tal-14 ta' Jannar 2010 Jean Paul Parascandolo gie awtorizzat jassumi l-atti f'ismu ghaliex sar maggorenni.**

F'din il-kawza l-attrici qeghda titlob il-hlas ta' kumpens ghal servigi li tghid li tat lill-ohtha Luigia Muscat zmien qabel mietet fit-28 ta' Jannar 2007. B'testment li ghamlet fit-2 ta' Novembru 2005, Mary Callus innominat lill-konvenuti bhala werrieta eskluza Giorgina Muscat, bhala werrieta taghha.

Min-naha tal-konvenuti Parascandolo jaccettaw li l-attrici rrendiet servigi lill-ohtha u li ghandha tithallas[1]. Jirrizulta li Mary Callus hi n-nanna materna tal-konvenuti Parascandolo[2].

Il-konvenuti Muscat, wiegbu[3]:-

1. Giorgina Muscat ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex m'hijiex werrieta ta' Luigia Muscat.
2. L-attrici trid taghti prova li t-testment tat-28 ta' Jannar 2007 kien l-ahhar testment tad-decujus.
3. Azzjoni ta' din ix-xorta tista' tirnexxi biss ghall-pejrodu bejn it-8 ta' Mejju 2003 u 28 ta' Jannar 2007, data meta mietet Luigia Callus, peress li kull perjodu qabel hu preskritt skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.
4. Kwalsiasi servigi li nghataw qatt ma saru bi hsieb ta' kumpens.
5. L-attrici qatt ma pprestat servigi lil Luigia Muscat.

B'riferenza:-

1. Ghall-ewwel eccezzjoni, id-debitu hu partikolari tal-konvenut Joseph Muscat. Giorgina Muscat m'hijiex werrieta ta' Luigia Muscat. Il-qorti ma taqbilx mat-tezi tal-attrici li jekk hemm dejn, dan hu parti mill-komunjoni tal-akkwisti. L-Artikolu 1327(f) tal-Kodici Civili m'huwiex jirreferi ghal dejn li hemm f'wirt li wiehed mill-konjugi biss ghandu sehem fih. Ghalhekk Giorgina Muscat ser tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

[1] Ara dikjarazzjoni a fol. 15.
[2] Ara arblu tar-razza a fol. 9.
[3] Ara twegiba a fol. 20.

2. Ghat-tieni eccezzjoni, din m'ghadx hemm lok ghaliha ghaliex gew prezentati r-ricerki testamentarji[4] minn fejn jirrizulta li d-decujus ghamlet biss it-testment tat-2 ta' Novembru 2005.

3. Ghat-tielet eccezzjoni, jirrizulta li l-attrici qeghda tippretendi hlas ta' kumpens ghall-perjodu: 1 ta' Gunju 2002 sas-27 ta' Frar 2004; 1 ta' Frar 2006 sat-23 ta' Dicembru 2006; u 1 ta' Jannar 2007 sat-22 ta' Jannar 2007[5]. Fit-8 ta' Mejju 2008 l-attrici pprezentat il-kawza. Fir-rigward tal- preskrizzjoni ta' azzjoni ghall-hlas ta' kumpens ghas-servigi, japplika l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili[6]. Skond l-Artikolu 939 tal-Kodici Civili, kull wiehed mill-werrieta *".....hu obbligat personalment ghad-djun tal-wirt, skond ma jkun sehmu."*. L-attrici xehedet li ohtha kienet tghidilha li *"se thalliha d-dar fil-wirt"*[7]. Pero ma semmitx meta suppost qaltilha dan il-kliem. Meta konvenut jinvoka l-preskrizzjoni estintiva, l-oneru tal-prova qieghed fuq l-attur biex juru li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja ghall-preskrizzjoni. In kontro-ezami qalet: *"Jien lill-ohti qatt ma tlabtha xejn ghax kienet ohti.* ***Jien ippretendejt li tirrealizza hi stess****, ix-xoghol li kont naghmel maghha. Jien qatt ma tlabtha tiktibli xejn fil-wirt u minghand ohti ma ppretendejt xejn. Lanqas urejtha li qatt ippretendejt xi haga."*[8]. Kliem li jnisslu dubju fil-qorti dwar kemm Luigia Muscat kienet qalet lill-attrici li ser thallilha d-dar fil-wirt, in kwantu jaghtu lill-qorti x'tifhem li l-attrici kienet qeghda sempliciment tistenna li ohtha turi l-gratitudni taghha f'testment u xejn iktar. Dan apparti li l-qorti tara certu kontradizzjoni bejn dak li xehedet waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2010 u dak li ddikjarat fl-affidavit, *"...sahansitra kienet tghidli illi ha tiehu hsiebi fil-wirt taghha."*[9], minghajr ma ghamlet riferenza ghad-dar.

---

[4] Fol. 33-35.
[5] Fol. 32.
[6] *"Hemm lok ghall-preskrizzjoni f'kazijiet ta' servigi jew prestazzjonijiet ohra avolja jkun hemm kontinwita' taghhom. Il-Qrati, anke f'kazijiet recenti, applikat il-preskrizzjoni kwinkwennali meta hemm il-kontinwita' tas-servigi."* (**Maria Theresa Cordina et vs Salvatore Abdilla et** deciza minn din il-qorti (Imhallef J. Said Pullicino fil-21 ta' Frar 1994).
[7] Fol. 44.
[8] Fol. 44.
[9] Fol. 17.

Inoltre, il-qorti ma tifhimx kif jekk il-verita' hi l-verzjoni li tat l-attrici, ma ssemmitx fit-testment minkejja li fiz-zmien li ghamlitu l-ahwa kienu regghu bdew jitkellmu. X'setghet kienet qeghda tistenna l-attrici ma jfissirx li gie mwieghed lilha minn ohtha. Ghalkemm bintha Antonia Parascandolo xehedet *"F'dan il-perjodu jien kont nirrabja maghha ghax kont naraha tmur lura u tinqata' mis-socjeta' – hija qaltli li f'hajjitha ma riedet tehodilha xejn imma z-zija wegheditha d-dar fejn kienet toqghod."*[10], din ma tistax isservi bhala prova li fir-realta' d-decujus kienet weghdet lill-attrici li thallilha d-dar meqjus ukoll dak li xehedet l-attrici. Il-konkluzjoni hi li fir-rigward tal-perjodu 1 ta' Gunju 2002 sas-7 ta' Mejju 2003, l-azzjoni hi preskritta fil-konfront tal-konvenuti Muscat.

Fil-meritu wara li l-qorti qrat l-atti hi sodisfatta li:-

i. Wara l-incident li kellha Luigia Muscat, l-attrici bdiet tghin lill-ohtha. Kif wara kollox ghamlu hutha l-ohra.

ii. Il-perjodi rilevanti huma **7 ta' Mejju 2003 sas-27 ta' Frar 2004**[11]; **1 ta' Frar 2006 sat-23 ta' Dicembru 2006**; u l**-1 ta' Jannar 2007 sat-22 ta' Jannar 2007**.

iii. Mill-provi li tressqu l-qorti ma tistax tikkonkludi li dak li ghamlet l-attrici ma' ohtha Luigia ghamlitu b'intenzjoni ta' gratuwita'. Il-presunzjoni hi li s-servizz li persuna taghti lill-haddiehor jinghata bi hsieb ta' kumpens, irrispettivament ta' qrubija mid-demm. Il-fatt li l-attrici qatt ma talbet hlas lill-ohtha ma jfissirx li ma kenitx tippretendi li meta tmut ohtha kienet ser tigi kkumpensata ghal dak li ghamlet.

iv. L-ghajnuna kienet tikkonsisti li tiehu l-ikel, tahsilha, u taghmlilha messaggi fid-dahar. Kienet ukoll tahslilha l-hwejjeg fiz-zmien li ghamlet Zammit Clapp fi Frar 2003. Pero din l-ghajnuna kienet tvarja skond iz-zmien. Hekk per ezempju ma jidhirx li l-attrici kienet baqghet tahsilha[12]. Mill-provi jidher li biz-zmien Luigia

---

[10] Fol. 45.

[11] In vista ta' dak li qalet il-qorti dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ghal dak li jikkoncerna l-perjodu bejn Gunju 2002 u 2 ta' Mejju 2003.

[12] Ara dokument AP1 a fol. 47 prezentat mix-xhud Antonia Parascandolo.

Muscat kienet ghamlet progress. Ghalkemm l-attrici xehedet li *"....minn Frar 2006, jiena kont niehu hsiebha kif kkont hadt hsiebha qabel, sew id-dar taghha, kuf ukoll meta kienet tkun l-Isptar"*[13], il-qorti m'hijiex konvinta li Luigia Muscat kellha dawk il-bzonnijiet kollha meta tqies li l-attrici stess qalet li wara Frar 2004 ma kienx hemm bzonn li tmur izzur lill-ohtha ta' kuljum. Ma tressqet l-ebda prova medika li s-sahha ta' Luigia Muscat kienet tant marret lura li giet fis-sitwazzjoni li kienet f'Gunju 2002. Hekk ukoll fil-perjodu bejn is-27 ta' Novembru 2003 sas-27 ta' Frar 2004 kienet rikoverata fid-dar tal-anzjani Central Home, Mosta. L-istess jirrizulta li matul l-2006 kienet ghamlet numru ta' gimghat rikoverata l-isptar. Il-qorti m'ghandix dubju li matul dawn ir-rikoveri, l-ghajnuna li setghet tat l-attrici kienet minima.

Certament li ghal finijiet ta' likwidazzjoni ta' kumpens, ghandu jittiehed in konsiderazzjoni:-

i. Il-mezzi finanzjarji tal-persuna li tkun irceviet is-servigi. Dwar dan ma tressqu l-ebda provi.
ii. 'Il fatt li dan hu kaz ta' ghajnuna li nghatat minn ahwa lill-ohthom li wara li wegghet kellha bzonn, ghal certu zmien, min ighinha. Il-qorti ma tistax tiskarta l-fattur ta' qrubija mid-demm.

Inizjalment l-attrici kienet qeghda tippretendi hlas ta' €22,440[14] u kkalkolat li l-kontribut taghha kien ta' 20 siegha kull gimgha. Pero' fl-ahhar seduta quddiem l-Assistant Gudizzjarju pprezentat prospett rivedut u bdiet tippretendi s-somma ta' €40,402.29 kalkolati fuq 36 siegha fil-gimgha. Fil-fehma tal-qorti dan jirrifletti nuqqas ta' konsistenza min-naha tal-attrici. F'kull kaz il-qorti m'hijiex konvinta li l-attrici kienet qeghda fil-perjodu fuq imsemmija toffri servizz lill-ohtha ghal dak il-hin kollu.

Wara li l-qorti kkunsidrat:-

i. In-natura tal-ghajnuna li tat l-attrici;

---

[13] Fol. 17.
[14] Fol. 32.

ii. Il-parentela bejn l-attrici u Luigia Muscat;
iii. Il-perjodu li l-attrici ghamlet toffri l-ghajnuna taghha;
iv. Il-fatt li kien hemm haddiehor li qieghed ighin lill-attrici[15];

ser tillikwida s-somma ta' tnax-il elf ewro (€12,000) bhala l-ammont dovut mill-werrieta skond is-sehem li jmisshom mill-wirt ta' Luigia Muscat.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni u tillibera lil Giorgina Muscat mill-osservanza tal-gudizzju.**
**2. Tichad it-tieni eccezzjoni.**
**3. Tilqa' t-tielet eccezzjoni limitatament fir-rigward tal-perjodu minn Gunju 2002 sas-7 ta' Mejju 2003, u ghalhekk tiddikjara li l-azzjoni hi preskritta fir-rigward ta' dan il-perjodu fil-konfront tal-konvenuti Muscat[16].**
**4. Tichad ir-raba', hames u sitt eccezzjoni tal-konvenuti Muscat.**
**5. Tilqa' l-ewwel talba, u tillikwida s-somma ta' tnax-il elf ewro (€12,000) bhala l-ammont dovut mill-konvenuti lill-attrici ghall-perjodu li jissemma hawn fuq u bil-mod kif jinghad hawn taht.**
**6. Tikkundanna lill-konvenuti:-**
**(a) Lawrence Muscat u Joseph Muscat sabiex kull wiehed minnhom ihallas lill-attrici s-somma ta' erbat elef hames mija u sittin ewro (€4,560).**
**(b) Joseph; Marco; Jean Paul; u Antonia u Raymond konjugi Parscandolo ghan-nom ta' binthom**

[15] Jidher li fiz-zmien li l-ahwa kienu m'humiex jitkellmu, Luigia Muscat xorta kienet qeghda tinghata l-ghajnuna. Ghalkemm l-attrici qalet li ma tafx *"....min kien jiehu hsiebha meta konna miggildin."* (fol. 68), hu evidenti li xi tip ta' ghajnuna kienet qeghda tinghata minn hutha l-ohra. Fih innifsu dan jaghti lill-qorti x'tifhem li Luigia Muscat ma kenitx dipendenti fuq l-attrici, kif tipprova taghti x'tifhem l-istess attrici.

[16] Ghal dak li jikkoncerna l-konvenuti Parascandalo, in vista tad-dikjarazzjoni li saret fid-9 ta' April 2008 gialadarba qeghdin jaqblu li ghandhom jikkumpensaw lill-attrici dwar il-hlas li ghandu jsir, il-qorti ma tqiesx li hemm htiega li tillikwida xi cifra ghall-imsemmi perjodu.

**Tiziana ahwa Parascandolo sabiex ihallsu €720 kull wiehed**.

**Bl-imghax mil-lum. Spejjez relatati mal-ewwel eccezzjoni a karigu tal-attrici, u spejjez relatati mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva tinqasam bin-nofs bejn l-attrici u konvenuti Muscat. Il-kumplament tal-ispejjez tal-konvenuti jibqghu a karigu taghhom gialadarba kienu qeghdin jikkontestaw li l-attrici tircievi kumpens. Spejjez tal-attrici ghandhom jinqasmu in kwantu ghal ¾ a karigu tal-konvenuti Lawrence Muscat u Joseph Muscat f'sehem ugwali, u ¼ jibqghu a karigu tal-attrici meqjus li s-somma likwidata hi nqas minn dik li kienet qeghda tippretendi l-attrici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------